31999R0169

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI(KE) Nru 169/1999 tal-25 ta' Jannar 1999 li jirrigwarda l-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

Il-KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2248/98 [2], u b'mod partikolari Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifika ta' l-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali sabiex tiġi interpretata n-Nomenklatura Magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija msejsa fuqha fl-intier tagħha jew f'parti minnha jew li żżid kull suddiviżjoni addizzjonali u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi Komunitarji, bil-ħsieb li jiġu applikati t-tariffi u miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ fl-oġġetti;

Billi skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa mar-Regolament preżenti jridu jiġu klassifikati ġewwa l-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet dikjarati fil-kolonna 3;

Billi huwa aċċettat illi t-tagħrif li jorbot tat-tariffa maħruġ mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri rigward il-klassifika ta' l-oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda u li ma jikkonformawx mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament, jista' jissokta jiġi invokat, taħt d-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komuni [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Parlament u tal-Kunsill (KE) Nru 82/97 [4], għal perjodu taż-żmien ta' tliet xhur mill-pussessur;

Billi l-miżuri pprovvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tat-taqsima tat-tariff u n-nomenklatura statistikatal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa kklassifikati ġewwa n-Nomenklatura Magħquda ġewwa l-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

It-aggrif li jorbot tat-tariffa maħruġ mill-awtoritjiet tad-dwana ta' l-Istati Membri u li ma jikkonformawx mad-dritijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament jista' jissokta jiġi invokat taħt id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu taż-żmien ta' tliet xhur.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fi-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Jannar 1999.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
(2) ĠU L 282, tal-20.10.1998, p. 55.
(3) ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.
(4) ĠU L 17, tal-21.1.1997, p. 1.

ANNESS

Id-Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Il-Klassifika tal-Kodiċi tan-NM	Ir-Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Taħlita tad-dqiq għat-tħejjija tal-ħobż tas-segala li tikkonsisti minn — dqiq tas-segala: 50,0 — dqiq tal-qamħ: 48,6 — gluten tal-qamħ	1101 00 90	Il-Klassifika hija stabbilita bir-Regoli Ġenerali: 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u bil-għoti tal-kliem tal- kodiċijiet tan-NM 1101 00 u 1101 00 90
2. Taħlita tal-qamħ għat-tħejjija tal-ħobż ta' ħafna qmuħ li tikkonsisti minn (perċentwal fil-piż): — dqiq tal-qamħ komuni: 78,5 — dqiq tas-segala: 7,0 — dqiq tal-ħafur: 4,0 — dqiq tar-ross: 4,0 — dqiq tax-xgħir: 2,0 — mikrobo: 1,0 — gluten tal-qamħ: 3,5	1101 00 15	Il-Klassifika hija stabbilita bir Regoli Ġenerali 1, 3b u 6 għall-interpretazzjoni tan- Nomenklatura Magħquda u l-għoti tal-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 1101 00 u 1101 00 15
3. Dqiq għalbiex jintgħamel il-ħobż li jikkonsisti fi (perċentwal tal-piż): — dqiq tal qamħ komuni: 99,85 — melħ: 0,15 u kwantitajiet żgħar ħafna ta' l-anilase u anti-ossidant (E300)	1901 00 15	Il-Klassifika hija stabbilita bir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazjoni tan- Nomenklatura Magħquda u bil-għoti tal-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 1101 00 u 1101 00 15
4. Tħejjija għall-għemil tal-ħobż imsejsa fuq id-dqiq li bih tintgħamel il-ħobża l-kbira (tal-*farmhouse*) li jkun fiha (perċentwal ta' l-użin): — dqiq tal-qamħ komuni: 88 — dqiq tas-segala: 10 — ħmira mnixxfa ta-segala: 1 — ħmira tal-ħobż, emulsifikatur: 1 u kwantitajiet żgħar ħafna ta' l- anilase u anti-ossidant (E300)	1901 20 00	Il-Klassifika hija stabblita bid- diposizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall- interpretazzjoni tan- Nomenklatura Magħquda u bil-għoti tal- kliem tal-kodiċijiet tan-NM 1901 u 1901 20 00. Iż-żieda tal-ħmira tal-ħobż u l-ħmira tas- segala tfisser illi l-prodott għandu l- karatteristiċi ta' taħlita għat-tħejjija tal- biegħa tal-furnar ta' l-intestatura 1905 u huwa eskluż mill-Kapitolu 11 skond in-nota 1(b) ta' dan il-kapitolu
5. Pilloli kwadri li jikkonsistu minn 200 mg ta' askorbat tal-kalċju (melħ tal-vitamina Ċ), 342 mg ta' eċċipjent li jikkonsisti mill-fosfat tad-dikalċju, iċ- ċellulosi mikro-kristallin, il-metilċellulosi marbut salib tal- karbossi tas-sodju u aċidu stearku u8 mg stereat tal-manjeżju bħala aġent kontra t-tagħqid.	2106 90 92	Il-Klassifika hija stabbilita bir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan- Nomenklatura Magħquda u bil-għoti tal-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 2106, 2106 90 u 2106 90 00. Il-prodott huwa eskluż mill-intestatura 2936 minħabba l-preżenza ta' l-additivi, li mhumiex koperti bin-nota 1(f) u (ġ) tal-Kapitolu 29 u bl-applikazzjoni tan-Noti ta' Spjega f'l-aħħar paragrafu ta' l-intestaturata 2936 tas-Sistema Armonizzata, taħt id-(d)
6(a). Kolla msejsa fuq il-fidda (konċentrazzjoni għolja) — fidda: 72,0 % — kompost tal-kadmju: 8,9 % — kompost tar-ram: 8,9 % 6(b). Kolla msejsa fuq il-fidda konċentrazzjoni medja) — fidda: 45 % — kompost tar-ram: 3,5 % — kompost tal-kadmju: 3,5 % Dawn il-prodotti huma wżati sabiex japplikaw iċ-ċirkwiti elettroniċi mal- folji tal-metall mogħtija l-enamel permezz ta' trattament bis-sħana	3207 30 00	Il-Klassifika hija stabbilita bir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan- Nomenklatura Magħquda nota 3(ċ) tal- Kapitolu 71, u bil-għoti tal-kliem tal- kodiċijiet tan-NM 3207 u 3207 30 00 Ara wkoll in-Noti ta' Spjega ta' l- intestatura 7106 tas-Sistema Amonizzata.

Id-Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Il-Klassifika tal-Kodiċi tan-NM	Ir-Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
7. *Toner* magħmul trab, bi proprjetajiet manjetiċi, użat bħala *developer* għall-magni li jiżviluppaw ir-ritratti. Il-Kompożizzjoni: — Stirene u kopolimeru akrilat tal-butil: 40 % — Polipropene: 3 % — Magnetit: 56 % — Silika: < 1 %	3707 90 30	Il-Klassifika hija stabbilita bir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan- Nomenklatura magħquda, u bil-għoti tal-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 3707, 3079 08 3707 90 30 Ara wkoll in-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata, intestatura 3215, punt (a) u l-intestatura 3707, punt (20).
8. Trab kulur abjad-krema, li jikkonsisti mill-montmorillonit bi 30 % stearilamin miżjud. Dan it-trab ta' natura organofilika, jista' kliem tal-kodiċijiet tan-NM 3824, jitħallat ma' solventi organiċi u juri telf ta' 35 % fil-massa meta msaħħan f' temperatura ta' 600 grad C.	3824 90 95	Il-Klassifika hija stabbilita bir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan- Nomenklatura Maħquda, u bil-għoti tal-3824 90 u 3824 90 95. Dan il-prodott mhux ikkunsidrat attivat fit- tifsira ta' l-intestatura 3802. Ara wkoll in-Noti ta' Spjega għas-Sistema Armonizzata, intestatura 3824 (40).